Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAL-HAMSA U GHOXRIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 15 ta' Jannar 2014 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Il-Laqgha bdiet fil-5.35p.m. Is-Sinjuri Cassar u Messina Ferrante kienu ghadhom ma waslux.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
   Approvati.

2. **PUNTI MQAJJMA**
   a) Is-Sur Gerald Borg qal li ma jaqbilx mal-frazi *li mhux xorta ha jkun hemm value for money ghax wara 20 sena l-affarijiet zgur ikunu gew obsolete* ghax ma jikkunsidrax li wara ghoxrin sena l-affarijiet ikunu gew obsolete imma li jkun ghamel gwadan il-klabb.
   b) Rigward l-Eco Wardens is-Sindku ghadda l-informazzjoni bil-miktub rigward il-mistoqsia mressqa mis-Sur Borg fil-laqgha ta qabel li dawn kien fuq ronda fit-toroq Ghenba, Kbira u Notabile u li b`kollox inhargu 8 kontravenzjonijiet u 48 warning. Is-Sur Cordina qal li din hi xi haga pozittiva bhalha l-ewwel round. Is-Sur Borg qal li pero` l-kantunieri baqghu l-istess. Is-Sur Cordina qal li kien hemm kambjament imma wara ftit zmien rega` kif kien. Qal ukoll li skond l-e-mail l ntbaghtitlu kien hemm 540 Eco Hours li minnhom H`Attard kellu allokati 70 siegha. Rigward l-ispeed cameta ta` Triq in-Nutar Zarb li ssemmiet f`xi laqhgha precedent hu qal li bejn l-1 ta` Novembru u l-31 ta` Dicembru 2014 inhargu 894 kontravenzjoni.

   Is-Sur Cassar dahal f'dan il-mument.

3. **KORRISPONDENZA**
   🗁 Emails minghand l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali fuq Personal Development Training Programme, Konferenza My Europe, u Programm ta` finanzjament Erasmus+
   **DECIZJONI LI TTIEHDET**: L-e-mails ghandhom jigu cirkulati u xi kunsilliera ha jippruvaw jattendu.
   🗁 E-mail minghand l-MEPA rigward diskussjoni fuq il-kmamar u l-loghob tan-nar.
   🗁 E-mail minghand Dr. Malcom Mifsud rigward l-argument tal-konflitt ta` nteress li tqajjmet waqt l-ahhar laqgha fejn gie ccarat wara li nqrat mis-Sur Cordina li m`hemm l-ebda konflitt ta`nteress.

🗁 Proposta ta` rrangar ta` roundabout fi Triq il-Katlan b`xi aggustament fid-direzzjoni tat-traffiku permezz ta` one-ways. Is-Sur Cassar qal li mhux ha jesprimi ruhhu qabel jara d-disinn.
**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Is-Sindku ghandu jmur fuq il-post mas-Sur Falzon u tithejja pjanta li tigi pprezentata l-Kunsill.
🗁 E-mail rigward kwotazzjoni ghall-tiswija ta` cameras fi Gnien Misrah Kola.
**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Ghandu jintbaghat ir-rapport tas-Sur Simon Grech u jigi ccekkjat mal-insurance jekk ahniex koperti.
🗁 Ittra minghand Leslie Cuschieri & Associates rigward artiklu li deher fil-gurnal The Times fuq skedar ta' propjeta' fi Triq il-Linja u Triq B'Kara magħruf bħala l-Embankment. Is-Sur Cassar qal li l-MEPA biss tiddeciedi x'ghandu jigi skedat. Skedar ifisser restrizzjoni. Is-Sur Cassar qal li hu favur li l-Embankment jigi skedat. Is-Sur Spiteri ssuggerixxa li tintbaghat risposta li l-Kunsill qed jiehu parir u li m'ghandux il-fakulta' li jiskeda propjeata' imma li l-Kunsill jidhirlu li l-embankment ghandu jigi preservat. Is-Sur Borg qal ukoll li fejn kien hemm arkata imbarrata bil-gebel li jaghti access ghal Corinthia, sar bieb tal-hgieg.

4. **APPOVAZZJONI TA' SKEDA TA' PAGAMENTI DICEMBRU 2013**
Is-Sur Zammit saqsa min hu Alfred Vella. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li Alfred Vella hu l-purtinar tal-iskola Primarju Tumas Dingli u li meta jkun hemm il-korsijiet tat-Taljan Germaniz u Spanjol u l-*watchman* ikun bil-leave jidhol hu minfloku. Is-Sur Zammit talab ukoll li fuq id-deskrizzjoni tal-pagament ic-cekkijiet juru l-ammonti skond it-tender separate. Dan sa jsir. Il-pagamenti gew approvati.

5. **APPROVAZZJONI TA' *DRAFT BUDGET 2014.***
Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li gratilha hsara fil-laptop u ma kelliex mezz kif tigbor id-data minn fuq il-Pastel. Is-Sur Bartolo saqsa jekk ghandhiex backup u jekk fil-kaz jinxtara laptop gdid mill-ewwel. Is-S.E. qalet li ghandha backup imma jrid jigi nstallat is-software kollu mill-gdid. Ghalhekk dan l-item gie pospost.
.

6. **AGGUDIKAZZJONI TENDERS ALC 08/13 U ALC 09/13**
Is-Segretrju Ezekuttiv spjegat lill-Kunsill li t-tenders mitfugha kienu hekk:
**ALC 08/13 Onlne Streaming**
Infinite Fusion Tech Limited
**ALC 09/13 Resurfacing of Triq Hannibal under Measure 125**
Asfaltar
Rite Mix (Gatt Bros) Ltd.
Karmig Trading Ltd

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li fil-kaz tal-Online Streaming giet mitfugha tender wahda. Is-Sur Cassar talab li niccekkjaw ma' Kunsilli ohra kemm giethom. Fil-kaz tar-*resurfacing of Triq Hannibal* f'dan il-kaz l-irhas huma Rite Mix u ghalhekk hi propniet li mmorru fuq l-irhas.
**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Kulhadd qabel.

7. **TRANSPORT MALTA**
Is-Sur Cordina qal li qed issir pressjoni minn Transport Malta biex it-tabelli ta' Triq il-Linja jinqalghu. Hu qal li baqa' jippersisti li dawn m'ghandhomx jinqalghu qabel tinstab soluzzjoni alternattiva. Is-Sur Cordina qal li ha jzomm lill-Kunsill infurmat fuq kollox u jiddeciedu x'skond jekk dawn jinqalghux jew le.

8. **KORPORAZZJONI GHAS-SERVIZZI TAL-ILMA**
Is-Sur Cordina qal li qed isiru diskussjonijiet mal-Korporazzjoni rigward it-trinek li saru mill-istess korporazzjoni u li gabu t-toroq kollha flieli. Qal li se jsiru xi xogholijiet

fuq Triq il-Linja u Triq Antonio Schembri sabiex tigi rrimedjata l-hsara. Wara jitkompla x-xoghol fuq toroq ohra skond il-finanzi.

**9. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur Mark Anthony Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Li inghataw hafna kontravenzjonijiet fi Triq il-Ponsjetta u l-madwar minn Pulizija ghax residenti mhux qed isibu jipparkjaw u qed ikollhom jipparkjaw fil-kantunieri jew fejn isibu. Issuggerixxa li tintbaghat cirkulari l'kulhadd fejn jinghad dan li gej: Vetturi ghandhom jigu ggaraxxjati, kulhadd ghandu jipprova jipparkja quddiem il-garaxx tieghu u li garaxxijiet uzati bhalha store jew ghandhom uzu iehor jista' jsir parkegg quddiemhom. Ghandha wkoll tigi kwotata l-ligi u li l-Kunsill mhux qed jibghat Pulizija jew Gwardjani fit-toroq. **DECIZJONI LI TTIEHDET:** Kulhadd qabel.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Talab li jitnehha l-gebel li hemm fuq in-naha ta' wara ta' Gnien Hal–Warda. Li tlesta sinjal storiku u lesta t-text ta' iehor u li jekk jaqblu jibdew isiru tnejn fix-xahar. **DECIZJONI LI TTIEHDET:** Kulhadd qabel.
- Talab biex jigu ccekkjati d-dwal taz-zebra hdejn il-Corinthia.
- Mac-cirkulari jizdiedu dawn l-attivitajiet:
  7 ta' Frar – Qari ta' Poeziji
  21 ta' Frar – Laqgha ta' nteress fuq temi ma' Marco Cremona
  12 ta' Marzu – Laqgha ta' nteress fuq tema mal-Professur Henry Frendo

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Saqsa fuq il-kwistjoni tal-Un/loading bay fi Triq is-Salvatur u li saru xi bollards u xtaq ikun jaf minn min saru u jekk humiex bil-permess. Is-Sur Cordina qal li ha jiccekkjalu.
- Saqsa fuq ir-riha ta' drenagg li hemm fi Triq iz-Zaghfran. Din ga giet irrappurtata.
- Hemm konka vojta Triq Victor Vassalla u talab li tinzera' sigra. Dan ha jsir.

Is-Sur John P. Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Li titressaq Reserved Parking Bay minn Triq il-Palm ghal-Triq l-Ghenba. Is-Sindku qal li s-Sinjura Pauline ga kelmitu u li qalla biex tkellem lis-Segretarja habba xi dokumentazzjoni mehtiega sabiex tigi nfurmata Transport Malta
- Saqsa fuq line isfar f'Dahlet l-Istringitur. Is-Sindku qallu li dak hu approvat minn Transport Malta.
- Li fi Triq il-Pitkali fuq hemm tlett toqbiet.

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Qal li miexi bid-diskussjonijiet ma' Joseph Calleja sabiex tigi organizzata serata ghall-Jum H'Attard. Qal ukoll li ghalkemm konna diga' tkellimna mal-kappillan fuq l-uzu tal-Knisja jekk jinqraw poeziji u ssir serata letterarja ghandu mnejn il-Kappillan jaccetta.
- Qal ukoll li ha jipprova jorganizza visita ta' kortezija tal-ahhar ghand il-President qabel jispicca.

Is-Sur Gerald Borg ressaq dawn il-punti:

- Rega' tenna li ghall-Attivitajiet tas-60+ l-anzjani ghandhom jinkitbu l-Kunsill u t-trasport ghandu jigi ordnat mill-Kunsill. Is-Sur Bonnici qabel mas-Sur Borg.

**8. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata ghall-Hamis, 13 ta' Frar 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Sindku | Data |